MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 441/1996/1

**Anthony Fabri ghall-Untours Insurance (Agents Brokers) Ltd u din ghall-Qatar Insurance kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom William Galea u l-istess William Galea**

**Vs**

**Chris Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talab sabiex il-konvenut ikun kundannat jhallas lill-Anthony Fabri s-somma ta’ Lm216.60c, u lill-istanti William Galea s-somma ta’ Lm25 danni sofferti in segwenti ghal incident stradali li gara Rahal Gdid fit-2 ta’ Settembru 1995 bejn car numru O 4298 misjuqa mill-istanti William Galea u car nru L-3031 misjuqa mill-konvenut. Anthony Fabri noe hallas id-danni ta’ William Galea (barra Lm25) minhabba comprehensive policy of insurance John Galea. Previa dikjarazzjoni li l-konvenut kien resposnabbli ghal incident

u danni minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti. Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' konsult, u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lill-assikuratrici tieghu ai termini tal-Kap 104 (Richard Micallef noe) u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli l-istess assigurat tas-socjeta' attrici u l-attur William Galea stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tieghu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Illi l-kap tal-ispejjes ghandu jigi unikament sofferi mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>Ispettur Mario Bonello</u> (fol 31 tal-istess atti) wara li spjega li ma kienx l-Ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz u dan ghar-raguni hemm indikata esebixxa <u>l-iskizz u kopja tar-rapporti</u> relattivi ghall-istess incident. Fuq l-istess skizz jidhru iz-zewg vetturi involuti f'dan il-kaz li gara fi Vjal Santa Lucija fuq in-naha ta' din li tmur fid-direzzjoni ta' Santa Lucija. L-istess vetturi huma dik, bin-numru O-4298 misjuqa mill-attur u dik bin-numru L3031 misjuqa mill-konvenut. In rigward ir-rapport, ma hemmx indikati l-versjonijiet tal-fatti sottomessi mill-partijiet involuti. Pero jinghad (fol 30 ibid) illi 'mill-istharrig li sar' jidher li l-vettura numru O-4298 kienet tiela fl-imsemmi vjal fuq il-lane ta' gewwa waqt li, l-ohra kienet tiela' (fl-istess

direzzjoni) fuq dik ta' barra. Fl-istess waqt xarabank kien hiereg minn Triq il-Palma ghal fuq l-istess vjal sabiex jmur fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. Minhabba hekk il-karozza misjuqa mill-konvenut, telghet fuq l-istrixxa centrali tal-istess vjal sabiex tevita l-imsemmi xarabank u wara li nizlet mill-istess strixxa saret il-habta. Jigi notat li fl-istess rapport hemm indikat li l-karozza misjuqa mill-attur kellha, bhala hsarat 'both right doors u right rear mudguard' waqt li dik misjuqa mill-konvenut kellha hsarat 'left front mudguard u left front door'.

Ikkunsidrat

Illi l-attur jsostni (fol 17 et seq ibid) illi waqt li kien qed jsuq fuq l-istess vjal fuq in-naha ta' gewwa, vicin is-sigar fuq ix-xellug , hu hass 'daqqa minn wara' fuq il-lemin u wara li saq xi ftit il-fuq, hu waqaf. Flimkien fl-istess karozza mieghi kien hemm bintu waqt li fil-karozza l-ohra kien hemm tfajla, it-tnejn passigieri. Inoltre kemm quddiemu kemm fuq il-lemin tieghu ma kienx hemm karozzi ohrajn. Fix-xhieda tieghu hu semma' '…. Dwar bus li kien hemm fit-triq gej fit-tarf taghha, nirrispondi li kont ili li skapulajtha kemm jien kif ukoll hu '(ara ukoll ix-xhieda ta' bintu Anna Galea).

Illi l-konvenut (fol 11 et seq ibid) ikkonferma illi kif hu kien tiela fl-istess vjal fuq in-naha ta' barra, hu kien ra xarabank hiereg minn triq laterali.

Minhabba hekk, karozza ohra li kienet fuq il-'lane' ta' gewwa hadet 'evasive action' u konsegwentement saret din il-habta u 'tellghatni fuq is-'centrestrip'. Wara li nizel minn fuq din, kien sar it-tieni impatt. In sostenn ta' dan, hu ssottometta d-dokumenti a fol 14 sa fol 16 tal-atti sabiex juri d-dinamika ta' dan l-incident. Jigi notat li fl-ahhar parti tal-kontro ezami tieghu hu semma 'Il-karozza tal-linja ma hargitx qabel ma gara l-incident' (ara l-affidavit ta' Margot Vassallo, a fol 54 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, ghandha zewg versjonijiet tal-fatti li ma jaqblux bejniethom in rigward il-presenza tax-xarabank imsemmi li skond il-konvenut, kien il-kawza immedjata ta’ dan l-incident. Ghalhekk il-Qorti qieset il-provi kollha, principalment dawk indipendenti mill-partijiet ossija l-iskizz u dak risultanti mill-kopja tar-rapport imsemmija sabiex tara jekk wahda mill-versjonijiet tirrispekkja l-verita tal-fatti.

Illi, wara tali esami, il-Qorti tara li dawn il-versjonijiet huma ugwalment kredibbli u attendibbli u ghalhekk id-dinamika ta’ dan l-incident setghet svolgiet ruhha kif xehed il-konvenut u b’hekk dan ghandu jigi skolpat u ma tistax tigi akkollata lilu, ir-responsabbilta ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talbiet attrici b’kull parti tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------